

32006R1505

12.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 280/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1505/2006**tal-11 ta' Ottubru 2006****li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fir-rigward ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali bovini u l-kaprini.****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

għandhom iktar minn 20 annimal, l-awtorità kompetenti għandha tingħata permess li tirrestrinġi l-kontrolli fuq kampjun rappreżentattiv xieraq ta' annimali.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(5) L-Istati Membri għandhom iressqu rapport ta' kull sena lill-Kummissjoni fejn għandhom jagħtu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli. Huwa xieraq li jiġi stipulat mudell ta' rapport f'dan ir-Regolament.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u l-kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE ⁽¹⁾. U b'mod partikolari l-punt (a) ta' l-Artikolu 10(1) tiegħu,

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

Billi:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

(1) Ir-Regolament (KE) jipprevedi li kull Stat Membru għandu jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini skond dak ir-Regolament. B'hekk jixraq li jiġi definit il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru mill-Istati Membri sabiex ikun hemm verifika ta' l-implimentazzjoni xierqa tal-kondizzjonijiet għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' dawk l-annimali, kif inhu previst mir-Regolament ("il-kontrolli").

*Artikolu 1***Kontrolli li jikkonċernaw il-konformità mid-detenturi mar-Regolament (KE) Nru 21/2004**

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ kontrolli fuq il-post ("kontrolli") biex jivverifikaw il-konformità mid-detenturi mal-kondizzjonijiet għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali kif inhu previst fir-Regolament (KE) Nru 21/2004.

(2) L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha ġġib fis-seħħ kontrolli bbażati fuq analiżi tar-riskji. L-analiżi tar-riskji għandhom jikkunsidraw il-fatturi rilevanti kollha, inklużi b'mod partikolari, konsiderazzjonijiet dwar saħħet l-annimali.

Il-kontrolli għandhom jikkonformaw għall-inqas mal-livelli minimi stipulati fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2***Numru ta' impriżi fejn għandu jsir il-kontroll**

(3) Il-perċentwal ta' l-impriżi u ta' annimali li għandhom jiġu ċċekkjati fl-Istati Membri għandhom jiġu stipulati. Qabel il-31 ta' Diċembru 2009 dawk ir-rati għandhom jiġu rri-veduti fid-dawl tar-riżultati tar-rapporti dwar il-kontrolli li saru u li tressqu mill-Istati Membri.

L-awtorità kompetenti għandha ġġib fis-seħħ il-kontrolli kull sena li għandhom ikopru mhux inqas minn 3 % ta' l-impriżi li jinkludu ta' l-anqas 5 % ta' l-annimali fl-Istati Membri.

(4) Bħala regola ġenerali, l-annimali kollha għandhom jiġu koperti mill-kontrolli. Madanakollu, għall-impriżi li

Madanakollu, fejn dawk il-kontrolli juru grad sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004, dawk ir-rati għandhom jiżdiedu fil-perijodu ta' spezzjoni li jmiss għas-sena ta' wara.

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

Artikolu 3

Għażla ta' l-impriżi għall-kontrolli

L-awtorità kompetenti għandha tagħżel l-impriżi li għandhom jiġu kkontrollati fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskji li għandha tikkunsidra ta' l-anqas lil dan li ġejj:

- (a) in-numru ta' l-annimali fl-impriża;
- (b) konsiderazzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali, partikolarment tfaqqigħ preċedenti ta' mard ta' l-annimali;
- (c) l-ammont ta' ħlas għall-annimali ovini u kaprinin mitlub u/jew imħallas lill-impriża;
- (d) tibdil sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni fil-perijodi preċedenti ta' spezzjoni annwali;
- (e) ir-riżultati tal-kontrolli li saru fi perijodi ta' spezzjoni preċedenti, partikolarment, iż-żamma xierqa ta' reġistri ta' l-impriżi u dokumenti ta' moviment;
- (f) komunikazzjoni xierqa ta' l-informazzjoni lill-awtoritajiet lokali kompetenti;
- (g) kriterji oħra li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istat Membru.

Artikolu 4

Mod ta' kontroll

1. L-awtorità kompetenti għandha ġġib fis-seħħ kontrolli mingħajr avviż minn qabel.

Madanakollu, jistgħu jingħataw avviżi minn qabel fejn huwa neċessarju. Fejn tingħata twissija minn qabel, bil-kondizzjoni li din tkun limitata strettament għall-minimu meħtieġ u bħala regola ġenerali m'għandhiex tkun iktar minn 48 siegħa, ħlief f'każi eċċezzjonali.

2. Il-kontrolli għandhom isiru flimkien ma' kull spezzjoni oħra prevista fil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Artikolu 5

Numru ta' annimali għandhom jiġu kkontrollati

1. L-awtorità kompetenti għandha tikkontrolla l-identifikazzjoni ta' l-annimali kollha fl-impriża.

Madanakollu, fejn in-numru ta' annimali fl-impriża jkun ogħla minn għoxrin, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tikkontrolla l-mezzi ta' l-identifikazzjoni ta' kampjun rappreżentattiv ta' dawk l-annimali skond l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment bil-kondizzjoni li n-numru ta' annimali kkontrollati ikun wieħed suffiċjenti għall-osservanza ta' 5 % ta' non-konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004 mid-detenturi ta' tali annimali għal-livell ta' kunfidenza ta' 95 %.

2. Fejn kontroll ta' kampjun rappreżentattiv juri li kampjun ta' annimali meħud skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li l-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 ma ġewx rispettati mid-detentur, l-annimali kollha fl-impriża għandhom jiġu inklużi fil-kontrolli.

Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tikkontrolla l-mezzi ta' identifikazzjoni ta' kampjun rappreżentattiv ta' dawk l-annimali skond l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment u taċċerta stima ta' non-konformità ogħla minn 5 % bi preċiżjoni ta' bejn wieħed u ieħor 2 % għal-livell ta' kunfidenza ta' 95 %.

Artikolu 6

Rapporti mill-awtorità kompetenti

L-awtorità kompetenti għandha tfassal rapport għal kull kontroll fil-format standardizzat fuq livell nazzjonali mill-Istat Membru fejn jiġu stipulati ta' l-anqas dawn li ġejjin:

- (a) ir-raġuni għall-għażla ta' l-impriża għall-kontroll;
- (b) il-persuni preżenti għall-kontrolli;
- (c) ir-riżultati tal-kontrolli u s-sejbiet ta' non-konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004.

L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-opportunità lid-detentur jew lir-rappreżentant tiegħu li jiffirma r-rapport u, kif xieraq, li jesprimi l-osservazzjonijiet dwar il-kontenut tar-rapport.

*Artikolu 7***Rapporti annwali mill-Istat Membru**

L-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awissu 2008 u minn hemm sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awissu ta' kull sena, rapport annwali skond il-mudell stipulat fl-Anness mar-riżultati tal-kontrolli li saru fil-perijodu ta' l-ispezzjonijiet annwali preċedenti u li fihom ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) in-numru ta' l-impriżi fl-Istat Membru kkonċernat;
- (b) in-numru ta' kontrolli fl-impriżi;
- (c) in-numru totali ta' animali rreġistrati fil-bidu tal-perijodu ta' rappurtar;

- (d) in-numru ta' animali li ġew ikkontrollati;
- (e) kull riżultat ta' kontrolli li juru nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004 mid-detenturi;
- (f) kull penali impost skond l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ u l-applikabilità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Ottubru 2006

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Rapport tar-riżultati tal-kontrolli li saru fis-settur ovin u kaprin fir-rigward ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' dawg l-annimali skond ir-Regolament (KE) Nru 21/2004

1. Informazzjoni ġenerali fuq l-impriżi, l-annimali u l-kontrolli.

Numru totali ta' impriżi fl-Istat Membru kif inhu rreġistrat fil-bidu tal-perijodu tar-rappurtar ⁽¹⁾	
Numru totali ta' impriżi kkontrollati	
Numru ta' kontrolli li jkunu saru	
Numru totali ta' annimali ovini u kaprini fl-Istat Membru kif inhu rreġistrat fil-bidu tal-perijodu tar-rappurtar ⁽¹⁾	
Numru totali ta' annimali ovini u kaprini fl-impriżi kkontrollati matul il-perijodu ta' rappurtar ⁽¹⁾	

⁽¹⁾ jew data ta' referenza nazzjonali għall-istatistika dwar l-annimali

2. Nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004 elenkat skond il-kategorija

	Numru ta' l-annimali kkonċernati	Numru ta' impriżi kkonċernati
1(a) Osservanza ta' nuqqas ta' konformità li tikkonċerna l-annimali ovini		
1(b) Osservanza ta' nuqqas ta' konformità li tikkonċerna l-annimali kaprini		
2. Diskrepanza fir-reġistru ta' l-impriża		
3. Nuqqas ta' notifika dwar movimenti ⁽¹⁾		
4. Anomalija fid-dokument ta' moviment		
5. Annimali/impriżi li għandhom osservanza waħda biss ta' nuqqas ta' konformità kif elenkat fil-punti 1 sa 4		
6. Annimali/impriżi li għandhom iktar minn osservanza waħda ta' nuqqas ta' konformità kif elenkat fil-punti 1 sa 4		
7. Numru totali ta' osservanzi ta' nuqqas ta' konformità li jikkonċernaw l-annimali/l-impriżi (punti 5 u 6)		

⁽¹⁾ Fejn huw applikabbli, skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004

3. Penaltajiet imposti

	Numru ta' l-annimali kkonċernati b' nuqqas ta' konformità	Numru ta' impriżi kkonċernati b' nuqqas ta' konformità
Total:		